# KUNSILL LOKALI MARSA

**Tmien Legislatura**

*Minuti tal-wieħed u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 25 ta' Jannar 2017 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |

Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab li jkun skużat mill-laqgħa hekk kif kellu diffikulta' personali sabiex jattendi. Huwa ġie skużat mill-Membri tal-Kunsill.

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-għoxrin laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li l-PARKS, li jaqgħa taħt il-Ministeru tal-Onor. Jose Herrera ser ikun qed jagħti l-ammont ta' €30,000 lill-Kunsill tal-Marsa sabiex dawn jintefqu f'siġar u pjanti indiġeni bil-għan li titħaddar il-lokalita'. Lejn l-aħħar ta' dan ix-xahar, il-Ministeru flimkien mal-Kunsill Lokali ser ikun qed jiffirma *Memorandum of Understanding* sabiex il-Kunsill jirċievi s-somma ta' €25,000, filwaqt li s-somma ta' €5,000 ser ikunu qed jingħataw aktar il-quddiem fix-xhur li ġejjin.

3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li permezz ta' din l-iskema ta' tħaddir fil-lokalita' ser ikun hemm għadd ġmielu ta' toroq li ser jibbenefikaw minnu fosthom, Triq Azzopardi, ż-żona tal-Housing Estates, Triq il-Jum, Pont San Tumas, Belt il-Ħazna u Triq iċ-Ċentru Ewkaristiku fost oħrajn li għadhom iridu jiġu individwati.

## 4. ***Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mid-03 ta' Novembru 2016 sal-14 ta' Diċembru 2016***

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li Transport Malta ma sabet l-ebda oġġezzjoni li tikkonverti parti min Triq Nerik Sacco f'zona pedonali għall-perjodu ta' xahar. Madanakollu, l-perjodu li Transport Malta identifikaw kien ta' bejn Diċembru 2016 u Jannar ta' din is-sena. Għall-Kunsill Lokali dan jagħmilx sens fid-dawl tal-fatt li kien żmien qasir wisq biex jiġu mfassla l-preparamenti meħtieġa. Għaldaqstant, il-Kunsill ser jinforma Transport Malta sabiex dan il-perjodu ikun imġedded għax-xahar t'Awissu meta jkun hemm il-festa ta' Marija Reġina. Hawnhekk kien hemm il-qbil ukoll sabiex issir laqgħa pubblika sabiex ir-residenti ikunu infurmati fi stadju aktar bikri dwar dan il-proġett. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma din il-proposta, l-Kunsillier is-Sur Domenic Spenser issekonda.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li b'refernza għall-applikazjoni dwar il-proġett soċjali msejjaħ Librerija Diġitali, l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' elf ewro mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega ukoll li fuq nota pożittiva d-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li fil-kont ġew miżjuda l-ammont ta' €10,000 minħabba li l-Lokalita' tal-Marsa għandha influss partikolari minħabba li hija kkunsidrata bħala żona kummerċjali.

4.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kumitat tal-Marsa Football Club ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex jitwaħħlu CCTC cameras mall-bini tan-Nursery. Apparti min hekk huma lesti wkoll li jzommu r-recorder fil-bini tagħhom.

## 5. ***Schedule of Payments 1/17***

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. ***Purchase Order 4339-4370***

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4339 sa 4370 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. ***Purchase Request 3314-3345***

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3314 sa 3345 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. ***Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv***

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq il-performance appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert u ta' l-ex-Agent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Kenneth Brincat. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li s-Segretarju Eżekutiv u l-ex-Agent Segretarju jingħataw il-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 10%. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 9. ***Ativita' tal-Karnival***

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-kumpanija Leon Productions avviċinat l-Kunsill Lokali sabiex itellgħu attivitajiet relatati mall-Karnival għal din is-sena. Hawnhekk Leon Productions qed titlob €690 (VAT inkluż) li minnu dan l-ammont ser ikun qed ikopri l-ispejjez tat-transport, PA system u xogħol ta' koordinazzjoni tal-programm. Hemm ukoll €350 fi spejjez addizjonali fuq il-maskaruni, kif ġara wkoll is-sena l-oħra. Finalment iI-kumpanija qeda titlob li f'kaz rari li jkun hemm xita kontinwa ma dan l-ammont irid ikun hemm zieda zgħira ta' €150 fi spejjez amministrattivi. Fil-programm ta' din is-sena l-kumpanija qed tipproponi li tinkludi wkoll il-parteċipazzjoni ta' numru ta' skejjel ta' sfin tal-Karnival. Il-vot favur li tittella' din l-attivita' kien wieħed unanimu. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda.

## 10. *Abbozz tal-Monument ħdejn il-Paroċċa Marija Reġina*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono wera' lill-Kunsill l-abbozz tal-monument tal-iskultur s-Sur Andrew Buġeja f'ġieħ il-ħamsin sena min meta l-Paroċċa Marija Reġina ġiet imwaqqfa. Filwaqt li l-artist huwa lest li jagħmel din l-opra t'arti bla ħlas jixtieq li jiġi megħjun fix-xiri tal-materjal li jkollu bżonn. Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament ma din il-proposta madanakollu kien hemm suġġerimenti dwar id-dehra ta' dan il-monument. Dawn is-suġġerimenti kienu l-iddrittar tal-id u wiċċ tal-monument. Sadanittant, il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit qal li maġemb l-istatwa għandhu jkun hemm il-kliem tal-Bolla Papali tal-Papa Ewġenju Paċelli (Piju XII) meta Marija SS. ġiet iddikjarata Reġina. B'hekk l-iskultur ser jiġi nfurmat b'dawn id-dettalji. Il-qbil kien unanimu, il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda.

## 11. *Preżentazzjoni tar-Rapport taż-Żjara Marsa-Bridgwater*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li skond iċ-Ċirkulari 05/2015 u r-regoli li jiggvernaw il-ġemelaġġi, il-Kunsill huwa obbligat li jlesti rapport dwar l-infiq li sar matul is-sena 2016. Kien hawn li s-Sindku qassam d-dokument għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-vot favur kien wieħed unanimu. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekonda.

## 12. *Kwotazzjonijiet għall-CCTV Cameras*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-quotazzjonijiet għall-installazzjoni ta' CCTV Cameras għal mad-dawra tat-Teatru Griek ġew miġbura kif mitlub fil-laqgħa tal-Kunsill li għadda. L-oħros prezz huwa li ġie offrut mill-Alberta u għaldaqstant il-Kunsill ser jimxi fuq il-proċeduri stabbiliti li jagħżel l-orħos offerta li hija dik tal-Alberta. Il-vot favur kien wieħed unanimu, l-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer issekonda.

## 13. *Kampanja ta' Tindif*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar il-Kunsill dwar proposta li titella kampanja ta' tindif fil-lokalita' bil-għan li jitqajjem involviment akbar mir-residenti favur ambjent aktar nadif. Hawnhekk il-ħsieb huwa li jsir Logo mit-tfal tal-iskejjel b'tema għall-okkazjoni, u li jiġu avviċinati d-diversi għaqdiet tal-lokalita' sabiex tinstab ġurnata li fiha jitgħellu l-attivitajiet favur it-tindif fil-lokalita'. Il-vot favur din il-proposta kien wieħed unanimu, u l-Kunsillier s-Sur Domenic Spenser issekonda.

## 14. *Tweġibiet għall-mistoqsijiet prezentati mill-Kunsilliera*

14.1 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit ġie avviċinat min mara anzjana li toqgħod fi Triq Nerik Sacco fejn kienet qegħda tilmenta li l-bankina tat-Triq tal-Banda Marija Reġina għandha bżonn

tiġi rranġata. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li din il-bankina ser tiġi mibdula kompletament kif ġie approvat fil-Budget tas-sena l-oħra li bejn wieħed u ieħor hija ta' xi €14,000.

14.2 Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer staqsa dwar il-possibilita' li titneħħa kaxxa tal-ħadid li qegħda fi Triq Zerafa. Is-Sindku s-Sur Francis Debono nfurmaħ li ser ikun qed jitlob lis-sid sabiex ineħħiħ.

14.3 Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer qal ġie avviċinat min persuna tilmenta dwar ilma li qed joħroġ min ġo culvert fi Triq S.Trinita'. Is-Sindku s-Sur Francis Debono nfurmaħ li dan il-culvert jaqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali tal-Ħamrun u li ser jiġu nfurmati b'dan l-ilment.

14.4 Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer staqsa jekk huwiex possibli sabiex fil-pjazza fejn ser ikun hemm l-attivitajiet tal-Karnival jistgħax jintrema bar. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qabel li dan jista jseħħ, biss ma jistgħax jiġi mibjuħ xorb alkoħoliku. Il-Kunsilliera l-oħra qablu ma din il-proposta. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekonda.

## *15. Aġġornament tal-Laqgħa*

15.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2017 fis-sitta' ta' filgħaxija (6.00pm).

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (6.45pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________ | _____________________ |
| Francis Debono | Edward Spiteri Audibert |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

15 ta' Frar 2017